MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 456/2010

**Il-Pulizija**
**(Supt. Carmelo Bartolo)**
**(Spt. Jesmond Borg)**
**Vs**
**Omissis**
**Tyrone Craig Dark**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotta kontra l-appellat Tyron Craig Dark (ID 2118041(M)) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja talli matul il-perjodu ta' bejn it-28 ta' Frar 2006 u ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Nhar is-27 ta' Frar 2006, ghal habta ta' l-10:30 ta' filghodu, waqt li kien Rahal il-Gdid ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' diversi hwejjeg, liema serq li sar ghad-

detriment ta' Ramon Xuereb minn Pieta' u/jew persuni ohra huwa ikkwalifikat bil-vjolenza;

2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil persuna u cioe' Ramon Xuereb minn Pieta' kontra l-volonta tieghu, jew ta' il-post biex fih dan il-persuna jigi arrestat, mizmum jew issekwestrat, waqt liema delitt heddu li joqtlu jew li jaghmel offiza fuq il-persuna tieghu;

3) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) jew id-delitt ta' serq jew ta' hsara lill-propjeta' (barra minn hsara involontarja lil propjeta') kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded serjament bil-mewt lil Christian Piscopo minn Hal-Tarxien permezz ta' arma regolari;

5) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Lil Tyrone Craig Dark wahdu talli kiser il-provediment tal-artikolu 446 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, meta b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel, huwa kien gie moghti il-liberta' bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perjodu ta' sena.

Lil Omissis kif ukoll lil Tyrone Craig Dark flimkien talli:

1) F'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta' bejn it-28 ta' Frar 2006 u ix-xhur ta' qabel din id-data, ikkommettew serq ta' mobile phone, ikkwalifikat bil-vjolenza, liema serq sar

ghad-detriment ta’ persuna b’identita’ s’issa mhux maghrufa;

2) Fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom l-Ligi taghti is-setgha lil privat li jarresta lil hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil persuna b’identita s’issa mhux maghrufa kontra l-volonta tieghu, jew taw il-post biex fih dan il-persuna jigi arrestat mizmum jew issekwestrat, waqt liema delitt heddewh li joqtluh jew li jaghmlu offiza fuq il-persuna tieghu;

3) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt kontra s-sigurta tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) jew id-delitt ta’ serq jew ta’ hsara lill-propjeta’ (barra minn hsara involontarja lil propjeta) kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

4) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, heddew serjament bil-mewt lil persuna b’identita’ s’ issa mhux maghrufa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Ottubru, 2010, li biha, wara li rat 17, 18, 23, 31, 86, 87(1), (c) u (e), 251, 261(a)(b)(c)(f) u (g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 275, 276, 277, 279, 280, 281, 325 u 339(1)(b) u (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikoli 13 u 26(a) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lil Omissis hati tal-akkuzi mmarkati bhala (1) sas-(26) u dawk immarkati bhala (28) sa (31) u kkundannatu hames snin prigunerija. Il-Qorti ddikjarat lil Omissis mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.

Wara li rat l-artikoli 17, 18, 23, 31, 86, 87(1)(c) u (e), 261(a), 262, 275 u 276 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikoli 13 u 26(a) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta u

l-artikoli 7, 22, 23, 24 u 25 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil Tyrone Craig Dark hati tal-akkuzi mmarkati bhala (1), (2), (3) u (5) migjuba fil-konfronti tieghu wahda kif ukoll tal-akkuza li huwa kiser il-provvedimenti tal-Kap. 446 u kkundannatu sentejn prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal perjodu ta' erba' snin. Il-Qorti ddikjarat lil Tyrone Craig Dark mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-2 ta' Novembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi :

a) tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn Omissis gie misjub hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala (1) sa (26) u dawk immarkati bhala (28) sa (31) u fejn ikkundannatu hames snin prigunerija kif ukoll fejn dik il-Qorti ddikjarat lil Omissis mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u fejn konsegwentement illiberatu mill-istess u

b) tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn sabet lil Tyrone Craig Dark hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala (1), (2), (3) u (5) migjuba fil-konfront tieghu wahdu kif ukoll tal-imputazzjoni li huwa kiser il-provvedimenti tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll f'dik il-parti fejn il-Qorti ddikjarat lil Tyrone Criag Dark mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif aktar il-fuq riportati u fejn konsegwentement illiberatu minn dawn il-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, filwaqt li

c) thassarha f'dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannatu ghal perjodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal perjodu ta' erba' snin mid-data ta' dik is-sentenza u

d) minflok tittratta mal-istess Tyrone Craig Dark ukoll ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta,

e) kif ukoll teroga kontra tieghu l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi minn ezami tal-fedina penali tieghu, Tyrone Craig Dark jirrizulta li fis-27 t'Ottubru, 2005 kien inghata ordni ta' probation taht l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 ghal zmien ta' sena mill-Magistrat Dr. Anthony Vella, liema kaz kien jittratta serq ta' handbag kwalifikat bil-hin a dannu ta' Concetta Carabott minn Bormla.

Illi mill-ezami tal-atti processwali jirrizulta li r-reati li bihom l-imputat Dark gie addebitat u li taghhom gie wkoll misjub hati kif intqal aktar il-fuq gew kommessi fil-perjodu li kienet fis-sehh l-ordni tal-probation imposta fuqu kif intqal aktar il-fuq. Minhabba f'hekk l-imputat Dark kiser il-kundizzjoni tal-ordni tal-probation imposta fuqu nhar is-27 t'Ottubru, 2005 in vista tal-fatt li kkommetta reat iehor fiz-zmien is-sena minn dakinhar.

Illi l-qorti tal-Magistrati (Malta) f'din il-kawza sabet lil Dark hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih li tittratta l-ksur tal-probation. Minhabba f'hekk l-appellant itenni li l-imputat appellat Dark ma setgha qatt jinghata l-piena ta' sentenza ta' prigunerija sospiza u dan ghar-raguni li ai termini tal-artikolu 28A(7)(c) tal-Kodici Kriminali :

28A ***"(7) Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin –***

*(a) meta l-kundannat ikun diga' qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija;*

*(b) meta l-kundannat ikun recidiv fit-termini ta' l-artikolu 50;*

*(c) meta r-reat ikun sar fil-perjodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation.*

Kwindi ai termini ta' dan l-artikolu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma setghet qatt taghti sentenza ta' prigunerija sospiza fir-rigward ta' Tyrone Craig Dark in vista wkoll tal-

fatt illi dik il-Qorti kienet sabitu hati tal-ksur tal-ordni tal-probation.

Inoltre, dik il-Qorti f'kaz ta' sejbien ta' htija li l-imputat appellat kien kiser ordni ta' probation setghet ukoll tittrattah ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, haga li fil-fatt jidher li ma ghamlitx

Ikkonsidrat

Illi dan huwa appell mill-Avukat Ġenerali dwar il-piena imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti fuq Tyrone Craig Dark biss kemm fi quantum kif ukoll dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap 446.

Bħala prinċipju ġenerali, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din tkun raġonevoli u fil-parametri imposti mil-Liġi.

Għalhekk din il-Qorti ser teżamina jekk hemmx lok għal tali bdil mitlub mill-Avukat Ġenerali.

Għal dak li hu punt ta' Dritt l-artikolu 28 A(7) tal-Kap 9 jiddisponi li Ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) m'għandux isir fil-każ meta r-reat ikun sar fil-perjodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation.

L-Avukat Ġenerali ssottometta li meta seħħew ir-reati li tagħhom l-imputat instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-21 t'Ottubru 2010 fl-ismijiet premessi, il-Qorti kienet sabet lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tal-ħames akkuża, kif ukoll tal-akkuża li huwa kiser il-provvedimenti tal-Kap 446 u ikkundannatu għal sentejn priġuenrija sospiżi għal erba' snin.

Bħala fatti jirriżulta li:

(a) Il-fatti attribwibbli lill-imputat seħħew bejn it-28 ta' Frar 2006 u x-xhur ta' qabel din id-data.

(b) Fis-27 ta' Frar 2006 għall-ħabta tal-10.30 am.

Is-sentenza li għaliha qed jirreferi l-Avukat Ġenerali kienet ippronunzjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-27 t'Ottubru, 2005. Is-sentenza kienet dwar serq ta' handbag , serq li kien ikkwalifkat bil-ħin.

Kienet saret ammissjoni u l-imputat kien tpoġġa taħt il-ħarsien ta' Probation Officer għal sena.

Isegwi għalhekk li l-perjodu ta' Probation impost kien jispiċċa fit-28 t'Ottubru 2006 u, li ġaladarba l-fatti attribwibbli lill-imputat saħħew fit-28 ta' Frar 2006 u fix-xhur ta' qabel jew fis-27 ta' Frar 2006, is-sena tal-Probation ma kenitx għaddiet.

Għaldaqstant, minħabba d-dispożizzjoni tal-artikolu 28A(7) tal-Kap 8, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx teroga piena ta' priġunerija sospiża.

Skont is-sentenza tas-27 t'Ottubru 2005, l-imputat instab ħati ta' serq aggravat bil-ħin u l-Ewwel Onroabbli Qorti ċċitat l-artikoli 216, 267, 269 u 270 tal-Kap 9.

Skont is-sentenza tal-21 t'Ottubru, 2010 l-imputat nstab ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tal-ħames akkuża kif ukoll li kiser l-Att dwar il-Probation.

L-Ewwel Onorabbli Qorti kkonsidrat li l-arrest illegali kien mezz għall-fini tat-twettiq ta' reat ta' serq bi vjolenza u għalhekk applikat l-artikolu 17(h) in kwantu dan jirrigwarda l-piena. Barra dan fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat kien ammetta li huwa kien il-persuna li wettaq il-hold up. Ikkonsidrat ukoll li fiż-żmien ta' meta twettaq ir-reat l-imputat kien għaddej minn żmien ta' diffikultajiet kbar minħabba l-vizzju tad-droga iżda imbagħad kien qabad it-triq it-tajba.

Għal dik li hija argumentazzjoni legali, il-Qorti qed tiddeċiedi li, ġaladarba l-Ewwel Qorti ma setgħetx tapplika

l-artikolu 28A tal-Kap 9, l-Avukat Ġenerali għandu raġun u għalhekk ser tilqa' dan l-appell. Biss dan ser ikun limitat għal dawk il-partijiet tas-sentenza li m'għandhomx x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap 446. Minħabba li l-Qorti li għamlet l-Ordni tal-Probation kienet differenti minn dik preżenti, wara li din il-Qorti tagħti s-sentenza, ser tgħaddi l-atti tal-proċess lil dik il-Qorti li għamlet l-Ordni sabiex din, ai termini tal-artikoli 23 u 23(4)(b) tal-Kap 446 tkun tista' tiddisponi min dik il-parti tar-rikors li għandha x'taqsam mal-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap 446.

## Konklużjoni

Għalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 23, 31, 86, 87(1)(ċ) u (e), 261(a), 262, 265, 276 tal-Kap 9, l-artikoli 13 u 26(a) tal-Kap 66, l-artikoli 7, 22, 23, 24 u 25 tal-Kap 446 qed **tirriforma** s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fil-21 t'Ottubru 2010 billi waqt li **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn kienet sabet lill-imputat l-ieħor Omissis kien instab ħati tal-imputazzjonijiet immarkati (1) sa (26) u dawk immarkati (28) sa (31) u fejn ikkundannat lil Omissis għal perjodu ta' priġunerija ta' ħames snin u wkoll fejn iddikjarat li l-imputat Omissis mhux ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnhom; qed tikkonfermaha wkoll dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lil Tyrone Craig Dark ħati tal-imputazzjonijiet immarkati (1), (2), (3) u (5) miġjuba fil-konfront tiegħu waħdu kif ukoll tal-imputazzjoni li huwa kiser il-provvedimenti tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll f'dik il-parti fejn il-Qorti ddikjarat lil Tyrone Craig Dark mhux ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u fejn konsegwentement illiberatu minn dawn il-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qed **tħassarha** fejn ikkundannat lil Tyrone Craig Dark għall-perjodu ta' sentejn priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li ġew sospiżi għal perjodu ta' 4 snin minn dik is-sentenza u **minflok,** waqt li qed tapplika kemm l-artikolu 17(b) u 17(h)[1] tal-Kap 9 iżda

[1] Ara r-raġunament tal-Ewwel Onorabbli Qorti dwar l-applikazzjoni tal-arftikolu 17(h) tal-Kap 9.

mhux l-artikolu 23 tal-Kap 446 għar-raġunijiet miġjuba aktar 'il fuq, qed tikkundanna lill-imputat Tyrone Craig Dark għal perjodu ta' 21 xahar priġunerija.

Il-Qorti qed tordna wkoll li dawn l-atti jintbagħtu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tiddisponi minn dik il-parti li taqa' taħt l-artikolu 23 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------